# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' Sessjoni*

FINALI
**A6-0211/2006**

15.6.2006

# RAPPORT

dwar is-sħubija EU-Karibew għat-tkabbir, l-istabilità u l-iżvilupp
(2006/2123(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp

Rapporteur: Gabriele Zimmer

PR_INI

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

NOTA SPJEGATTIVA ...........................................................................................................8

PROĊEDURA ......................................................................................................................13

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar is-sħubija EU-Karibew għat-tkabbir, l-istabilità u l-iżvilupp (2006/2123(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew intitolata 'Sħubija EU-Karibew għat-Tkabbir, l-Istabilità u l-Iżvilupp', (COM(2006)0086) (minn hawn 'l quddiem il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni"),

– wara li kkunsidra r-rapport ta' evalwazzjoni dwar l-istrateġija reġjonali tal-Kummissjoni għall-Karibew, Volumi 1 u 2 ta' April 2005,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni ta' l-10 ta' April 2006, li jinkludu konferma tal-Pożizzjoni Komuni dwar Kuba tat-2 ta' Diċembru 1996,

– wara li kkunsidra l-Istqarrija Konġunta mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Politika ta' l-Unjoni Ewropea għall-Iżvilupp: 'Il-Kunsens Ewropew' [1],

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Vjenna tat-tielet Forum għas-Soċjetà Ċivili ta' l-Ewropa-Amerika Latina-Karibew ta' l-1 ta' April 2006,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006 dwar l-impatt fuq l-iżvilupp tal-Ftehimiet dwar Sħubija Ekonomika (EPAs) [2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0211/2006),

A. billi sa l-2020 xi Stati tal-Karibew ikunu kisbu stejtus ta' pajjiżi żviluppati, filwaqt li oħrajn ikunu niżlu mill-kategorija ta' pajjiżi bi dħul medju għal dik ta' pajjiżi bi dħul baxx,

B. billi dawn l-Istati gżejjer żgħar għandhom vulnerabilità inerenti għal diżastri naturali u għal katastrofi esterni oħra,

C. billi kien sar djalogu bejn il-Kummissjoni u r-rappreżentanti tal-CARIFORUM[3] dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni meta kienet forma ta' abbozz,

D. billi t-twaqqif, fuq il-bażi ta' awto-determinazzjoni, tas-Suq Uniku u Ekonomija Unika fil-Karibew (CSME) jirrappreżenta għodda importanti għall-integrazzjoni reġjonali,

[1] ĠU Ċ 46, 24.2.2006, p. 1.
[2] Testi adottati, P6_TA(2006)0113.
[3] Il-Forum ta' l-Istati tal-Karibew tal-Grupp ta' l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku.

E billi l-Istati tal-CARIFORUM riedu li n-negozjati mal-EPA jinkorporaw dimensjoni ta' politika ċara dwar l-iżvilupp bl-iskop li ssir ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanza li qed jiżdiedu, li titrawwem il-koeżjoni soċjali u li jitwettqu l-Għanijiet ta' l-Iżvilupp tal-Millenju (MDGs),

F. billi aktar minn 60% tal-popolazzjoni tar-reġjun għandha età anqas minn 30 sena, u billi l-aċċess universali għall-edukazzjoni huwa problema mingħajr soluzzzjoni fl-Istati tal-Karibew kollha bl-eċċezzjoni ta' Kuba,

G. billi l-Gvern Belġjan kien għamel evalwazzjoni pożittiva tad-djalogu kritiku u tal-koperazzjoni għall-iżvilupp mal-Gvern ta' Kuba,

H billi bdiet l-fażi ta' programmazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet ta' l-10 Fond ta' Żvilupp Ewropew, u billi din l-għajnuna fil-futur għandha tingħata aktar malajr u b'akbar effiċjenza u għandha tkun imfassla aħjar skond il-bżonnijiet tal-pajjiżi tar-reġjun,

1. Ifaħħar l-involviment tal-Grupp CARIFORUM fid-diskussjonijiet dwar l-abbozz tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u jilqa' l-fatt li l-komunikazzjoni ttrattat l-biċċa l-kbira tal-problemi li qajmu l-Istati tar-reġjun;

2. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni bbażat l-istrateġija tagħha fuq il-prinċipji etiċi ta' l-ugwaljanza, tas-sħubija u tal-proprjetà;

3. Iqis l-emarġinazzjoni de facto tal-Parlament permezz ta' skeda tax-xogħol li qatgħet barra l-involviment tiegħu fl-abbozz ta' l-istrateġija tal-koperazzjoni għall-Karibew bħala tbegħid deplorevoli għall-aħħar mill-approċċ konsenswali użat mit-tliet istituzzjonijiet Ewropej, approċċ li wera l-valur tiegħu fit-tfassil ta' l-Istrateġija għall-Afrika u tal-Kunsens Ewropew dwar il-politika ta' żvilupp ta' l-Unjoni Ewropea.

4. Jiddeplora li l-Kummissjoni naqset li tqis kif suppost ir-rakkomandazzjonijiet li għamel fir-rapport tiegħu ta' evalwazzjoni;

5. Japprova l-analiżi tal-Kummissjoni li turi li sa issa l-koperazzjoni bejn iż-żewġ reġjuni ma kinitx akkompanjata minn djalogu politiku xieraq; iqis bħala inadegwata l-prattika li tinżamm laqgħa ta' siegħa, darba kull sentejn, bejn it-Trojka ta' l-UE u l-kapijiet tal-gvern tal-CARIFORUM u jilqa' l-proposta li għall-futur għandu jkun allokat għal dan id-djalogu t-tul ta' ħin neċessarju fil-livelli kollha;

6. Jilqa' l-involviment ippjanat tad-dipartimenti barranin Franċiżi lil hinn mix-xtut fir-reġjun (il-Gwadalupe, il-Ginea Fanċiża u l-Martinique) u tal-pajjiżi u t-territorji barranin tal-Karibew (OCTs) fid-djalogu politiku tal-futur; b'konnessjoni ma' dan , iżda, japprova l-opinjoni ta' l-Istati tal-Karibew li l-arranġamenti għal dan l-involviment iridu jiġu negozjati l-ewwel ma' dawk l-Istati li, fil-kuntest tal-Ftehima ta' Cotonou[1], iffirmaw il-ftehima dwar il-metodoloġija għad-djalogu politiku;

7. Japprova l-pożizzjoni adottata mill-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku

[1] Ftehima ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (ACP) min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmata f'Kotonou nhar it-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3).

(ACP) li d-definizzjoni ta' Politiki separati ta' l-UE għat-tliet reġjuni ta' l-ACP ma trid bl-ebda mod isservi biex jiddgħajfu r-relazzjonijiet ġenerali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati ta' l-ACP; Jilqa' t-twaqqif ta' forum ieħor għad-djalogu politiku taħt il-forma ta' sammits bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati ta' l-Amerika Latina u tal-Karibew (Stati LAC), iżda jinsisti fuq il-preminenza ta' l-arranġamenti maghmula fil-kuntest tal-Ftehim ta' Cotonou;

8. Jilqa' l-intenzjoni ddikjarata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet kredibbli u l-promozzjoni tat-tmexxija tajba u t-trasparenza fil-qasam tal-finanzi, tat-tassazzjoni u tal-ġustizzja fl-Istati tal-Karibew; jitlob lill-Istati tal-Karibew kollha li jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali u l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni;

9. Japprova l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħti prijorità għall-appoġġ lis-CSME li nħoloq reċentement; itenn l-opinjoni tiegħu li n-negozjati ta' l-EPA jridu jiffokaw fuq l-objettivi ta' l-iżvilupp, li s-suq intern tal-Karibew, li għadu jitwieled, għandu bżonn appoġġ xieraq relatat mal-kummerċ u bini xieraq ta' kapaċitajiet u li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ trid tiġi pprogrammata sew pass wara l-ieħor;

10. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-EPAs ikunu strutturati b'tali mod li jiġu kkunsidrati ir-realtajiet u l-limitazzjonijiet reġjonali, filwaqt li jkun possibbli rikors għall-ġjometrija varjabbli jekk ikun meħtieġ; jitlob li l-impenji kollha li jittieħdu fil-qafas tan-negozjati ta' l-EPA li jkunu programmati bir-reqqa pass wara l-ieħor b'-għoti ta' l-appoġġ relatat ma' l-EPA għall-iżvilupp li jimmira l-oqsma prinċipali ta' tħassib għall-gvernijiet konċernati, inkluża l-istrutturazzjoni mill-ġdid biex jitjiebu l-kompetittività, l-aġġustament fiskali u l-appoġġ għat-tħaffif tal-kummerċ;

11. Jerġa' jiġbed l-attenzjoni għall-kontribuzzjoni sinifikanti ħafna tad-dħul mid-dazji tad-dwana għall-baġit u għall-kapaċitajiet ta' investiment ta' xi Stati tal-Karibew u jikkonkludi, fuq din il-bażi, li miżuri li jkunu kawża ta' telf ta' dan id-dħul, li fil-mument ma jistax jitpatta bit-tassazzjoni, m'għandhomx jittieħdu mingħajr ma jiġi pprovdut kumpens xieraq; jenfasizza, iżda, li t-tkabbir tal-kummerċ bejn l-Istati tal-Karibew u bejn pajjiżi li qed jiżviluppaw jista' jgħin b'mod ġenerali biex ipatti għal telf fid-dħul minn tariffi u jikkontribwixxi għal għejun ta' dħul aktar stabbli;

12. Japprova l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li turi li l-ekonomiji żgħar, miftuħa tar-reġjun huma partikularment vulnerabbli għall-forzi tas-suq globali; jirrimarka, iżda, li l-liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ, b'mekkaniżmi xierqa għall-ħarsien u bi żmien biżżejjed għall-adattament, tippromwovi l-iżvilupp u għalhekk tista' tkun għodda fil-ġlieda kontra l-faqar;

13. Jemmen li miżuri li jibnu l-kapaċitajiet relatati mal-kummerċ iridu jindirizzaw limitazzjonijiet min-naħa tal-provvisti, inter alia bl-appoġġ għall-ipproċessar tal-prodotti bażiċi u bid-diversifikazzjoni tal-produzzjoni, billi jiġu stimulati l-konsultazzjonijiet ma' l-intrapriżi żgħar u medji u l-appoġġ għalihom, billi jiġu eliminati l-ostakoli burokratiċi għall-investiment u b'hekk jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp tal-kummerċ fir-reġjun;

14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex timplimenta r-Rakkomandazzjoni 7 tar-rapport ta' evalwazzjopni tagħha, li tqis il-prinċipji li fuqhom ibbażat in-Netwerk ta' l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw tan-Nazzjonijiet Uniti; u jitlob lill-Kummissjoni li xxerred

pubblikament l-istudju li sar dwar l-impatt tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-globalizzazzjoni fuq l-iżvilupp sostenibbli ta' dawn l-Istati;

15. Jikkunsidra li l-programmi ta' kumpens u ta' aġġustament biex imewtu l-impatt tal-bidliet fis-suq taz-zokkor u tal-banana m'għandhomx finanzjamenti biżżejjed u, fid-dawl tad-dimonstrazzjonijiet reċenti fir-reġjun, jibża' li l-koeżjoni soċjali, objettiv għall-koperazzjoni, tista' tiġi mminata serjament;

16. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa programmi li jinkoraġġixxu l-bidla agrikola bil-għan li jintħarsu u jinħolqu impjiegi aċċettabbli fl-irziezet, bħalissa mħaddma fuq linji konvenzjonali u xejn kompetittivi, b'mod konsistenti ma' l-objettivi tal-politiki soċjali u dawk tas-sigurtà ta' l-ikel, ta' l-enerġija u ta' l-ambjent;

17. Jitlob li tingħata aktar attenzjoni lill-implikazzjonijiet soċjali, kulturali u ambjentali ta' l-istrateġija tal-koperazzjoni u dwar l-iżvilupp tal-previżjoni u ta' l-evalwazzjoni sistematiċi ta' l-impatt fuq il-bażi ta' indikaturi pprovduti mill-(MDGs);

18. Jilqa' l-inkorporazzjoni ta' xogħlijiet importanti għall-ħarsien ta' l-ambjent fil-koperazzjoni għall-iżvilupp mar-reġjun tal-Karibew u jitlob finanzjamenti qawwija biex jiġi żviluppat l-użu ta' l-għejun ta' enerġija li jiġġeddu u l-effiċjenza ta' l-enerġija bl-iskop li jiġi evitat l-impatt diżastruż taż-żieda fil-prezzijiet taż-żejt u li jittaffa r-ritmu tal-bidla tal-klima;

19. Jaqsam mal-Kummissjoni t-tħassib li, bħala riżultat tal-bidla globali tal-klima, il-frekwenza u l-intensità tad-diżastri relatati mat-temp fir-reġjun ikomplu jiżdiedu u jappoġġa l-objettiv ta' mmaniġġjar imtejjeb tad-diżastri naturali, iżda jiddeplora n-nuqqas ta' kull referenza għall-faċilità EU-ACP għad-diżastri naturali mwaqqfa fl-2005; jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġa t-twaqqif permanenti għal żmien twil ta' din il-faċilità; jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovdi aġġornament regolari dwar dan il-proċess lill-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew u lill-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali u għall-Ambjent ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta ta' l-ACP-EU; jiġbed l-attenzjoni għall-vulnerabilità ta' l-ekonomiji ta' l-Istati tal-Karibew għad-diżastri naturali u jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li se tapplika proċeduri ġodda u aktar malajr għall-għoti ta' għajnuna għar-rikostruzzjoni li tinvolvi l-ħtieġa bilfors ta' finanzjamenti minn qabel;

20. Jikkritika l-fatt li l-istrateġija għall-Karibew tagħti ftit wisq attenzjoni lit-trattament tal-problema tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u lill-frustrazzjoni li qed tikber fost dawn in-nies; jibża' li l-kriżi ta' bħalissa fl-industrija agrikola tal-Karibew isservi biex taggrava din is-sitwazzjoni;

21. Jenfasizza l-irwol prinċipali li l-iżvilupp tat-turiżmu sostenibbli jista' jkollu bħala forza għall-iżvilupp ekonomiku u hu tal-parirli għandu jkun hemm appoġġ finanzjarju għal żmien twil għall-bini ta' l-infrastruttura meħtieġa (toroq, portijiet, ajruporti, eċċ.); jiġbed l-attenzjoni, iżda, għan-nuqqas tal-Kummissjoni li tirrikonoxxi li għal din is-sostenibilità huwa fundamentali li l-istrutturi turistiċi jkunu ta' proprjetà reġjonali u lokali u għandhom ikunu mħeġġa biex jonqos il-ħruġ 'l barra ta' profitti biex jiġi żgurat li n-nies lokali ma jkunux kostretti li jagħmlu rwoli ta' ħaddiema servili u biex tiġi evitata l-qirda aħħarija tal-pajsaġġi;

22. Jilqa' l-offerta tal-Kummissjoni li żżomm il-bieb miftuħ għal djalogu politiku ma' Kuba;

jikkritika, iżda, ir-restrizzjonijiet iebsa imposti fuq djalogu bħal dan fuq il-bażi tal-Pożizzjoni Komuni ta' l-1996;

23. Jirrimarka li rappreżentazzjonijiet b'suċċess mill-Unjoni Ewropea għall-USA li kellhom bħala riżultat it-tneħħija tal-politika ta' l-embargo jista' jkollhom benefiċċi ekonomiċi sostanzjali għar-reġjun kollu; konformi ma' politika bbażata fuq ir-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem politiċi, soċjali, individwali u ekonomiċi, iħeġġeġ il-ftuħ ta' djalogu kritiku mal-Gvern Kuban;

24. Jenfasizza l-importanza li jiġu kkoordinati programmi għall-iżvilupp ma' interessi mhux Ewropej fir-reġjun, b'mod partikulari mal-Kanada, iċ-Ċina, il-Brażil u mal-Veneżwela, u, f'dan ir-rigward, jiddeplora l-fatt li l-preżentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-involviment ta' interessi oħra hija karatterizzata b'ċertu livell ta' sfiduċja;

25. Jenfasizza n-natura eteroġenea tar-reġjun u jappella għal strateġija ta' koperazzjoni aktar differenzjata; f'dan l-isfond, jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa, għal kull Stat individwali tal-Karibew, fuq il-bażi ta', inter alia, il-livell ta' trasparenza tiegħu, l-istituzzjonijiet tiegħu b'saħħithom u indipendenti u l-tmexxija tajba tiegħu, jekk l-iffukar fuq l-għajnuna bagitarja huwiex metodu xieraq biex jitwettqu l-objettivi ta' l-iżvilupp;

26. Jiġbed attenzjoni partikulari lejn is-sitwazzjoni ddisprata tal-Ħaiti u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw programm speċjali għall-Ħaiti li jmur lilhinn mill-iskop tal-koperazzjoni ġenerali mar-reġjun tal-Karibew u li għalih jinħtieġu riżorsi oħra; jilqa' l-imġiba sodifaċenti b'mod ġenerali ta' l-elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari li nżammu f'Ħaiti fi Frar u f'April ta' l-2006;

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati tal-Karibew.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew jiddeplora l-fatt li qed jingħata l-opportunità li jwassal opinjoni dwar il-futur tal-koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-reġjun tal-Karibew biss wara li l-Kummissjoni kienet diġà ppubblikat il-pjanijiet tagħha u wara li l-Kunsill kien - fl-10 ta' April 2006 - għamel il-konklużjonijiet tiegħu. Din l-esklużjoni *de facto* tal-Parlament mill-proċess ta' l-ippjanar huwa tbegħid mit-tradizzjoni ta' koperazzjoni produttiva bejn l-istituzzjonijiet li jidher li giet stabbilita reċentement, pereżempju b'riferenza għat-tħejjija ta' l-Istrateġija għall-Afrika jew tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, u għalhekk trid tiġi ċċensurata. Issa l-Parlament jista' jieħu biss litteralment il-Paragrafu 22 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill u jikkunsidra l-opinjoni tiegħu bħala l-ewwel kontribuzzjoni b'risposta għall-istedina tal-Kunsill lill-partijiet kollha biex jiġi żgurat segwitu effettiv għall-konklużjonijiet. Mhux ta' b'xejn li l-Assemblea Parlamentari tal-Membri tal-Parlament Ewropew u l-Parlamenti ta' l-Istati ta' l-ACT sejrin jiltaqgħu f'qasir żmien il-Karibew, fejn sejrin ikollhom l-opportunità li jiddiskutu l-kwistjoni ta' monitoraġġ parlamentari konġunt effettiv dwar l-implimentazzjoni u l-effiċjenza tal-miżuri ta' koperazzjoni li ġew deċiżi.

Peress li ġie ppubblikat qabel is-Sammit ta' l-EU-LAC fi Vjenna, il-proposta tal-Kummissjoni tippreżenta l-informazzjoni prinċipali dwar l-objettivi l-aktar ġenerali ta' koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Reġjun tal-Karribew. Is-suġġeriment li għandhom ikunu prevalenti l-prinċipji etiċi ta' l-ugwaljanza, is-sħubija u l-proprjetà fil-koperazzjoni futura bejn dawn iż-żewġ reġjuni huwa wieħed li l-Parlament Ewropew jista' biss jappoġġja.

Iżda, kultant it-tfassil ta' l-istrateġija jagħti l-impressjoni li l-UE tħares lejha aktar bħala mezz biex jiġu esportati lejn partijiet oħra tad-dinja l-mudell tas-suq uniku Ewropew u t-tranżizzjoni għall-ekonomija tas-servizzi. Iżda l-pajjiżi tal-Karibew għandhom interess partikulari li jagħmlu użu pożittiv mill-ħafna snin ta' esperjenza ta' l-UE dwar l-integrazzjoni fl-istrateġija tagħhom ta' l-iżvilupp u ta' l-integrazzjoni, u mhux li jagħmlu l-parti ta' sħab inferjuri. 'Il-ħidma mmirata għat-tkabbir tar-riżorsi umani u ta' dak ibbażat fuq l-għarfien tappoġġja wkoll l-objettiv tat-titjib tal-mobilità soċjali għal dawk li ġew milquta ħażin mill-konsegwenzi negattivi tar-riforma strutturali u tat-tranżizzjoni ekonomika.' Huwa dan objettiv realistiku għar-reġjun kollu tal-Karibew? Hemm l-intenzjoni li l-ħaddiema tal-biedja, li jitilfu l-impjieg tagħhom fil-pjantaġġjuni taz-zokkor bħala riżultat tar-riforma tas-suq taz-zokkor Ewropew, jiġu mħarrġa mill-ġdid bħala programmaturi?

Jidher ukoll dubjuż ħafna jekk l-evalwazzjoni uffiċjali ta' l-istrateġija reġjonali għall-Karibew li ġiet ippubblikata f'April ta' l-2005 gietx ikkunsidrata kif suppost. B'mod partikulari, l-evalwazzjoni ta' l-aspetti, id-definizzjoni ta' indikaturi u l-ġbir ta' informazzjoni, li huma miżuri meħtieġa għall-monitoraġġ ġenwin tas-suċċess ta' l-investiment, ukoll bilkemm jissemmew fid-dokument ta' l-istrateġija tal-Kummissjoni.

Kollox ma' kollox, iżda, l-approċċ propost mill-Kummissjoni jikkomprendi teżijiet tajba u li għalihom dan ir-rapport joffri suppliment kostruttiv.

**<u>L-eteroġeneità tar-reġjun</u>**

Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill li jittrattaw il-CARICOM bħala l-assi ta'

integrazzjoni u l-CARIFORUM bħala l-assi ta' koperazzjoni jixirqilha li tintlaqa'. Dan huwa veru b'mod partikulari dwar l-intenzjoni li l-koperazzjoni tiġi bbażata fuq strateġiji ta' żvilupp nazzjonali u reġjonali.

Huwa ċertament sewwa wkoll li ssir enfasi fuq l-objettivi komuni tar-reġjun u li dawn jiġu promossi.

Iżda l-ippjanar tal-koperazzjoni x'aktarx jibqa' inadegwat jekk ma jaċċettax ukoll u jekk ma jikkunsidrax id-differenzi fil-ħtigijiet, fl-għanijiet ta' żvilupp separati u fid-disparitajiet tas-sitwazzjonijiet eżistenti. Dan japplika mhux biss għall-qafas tal-koperazzjoni għall-iżvilupp iżda wkoll għan-negozjati dwar ftehim ta' sħubija ekonomiku. Valuri medji kkalkulati għar-reġjun kollu kemm hu m'għandhomx jitħallew jgħattu d-differenzi reali bejn Ħaiti u l-Baħamas.

Partikularment għall-pajjiżi żvantaġġjati fir-reġjun, jinħtiegu jiġu ddefiniti sforzi speċjali u addizzjonali biex jiġi evitat ir-riskju li l-qafas globali jitlef l-effett tiegħu. Il-Ħaiti jeħtieġ approċċ separat kompletament.

Riferenza speċifika għandha issir hawn għar-Rakkomandazzjoni 7 fir-Rapport ta' l-Evalwazzjoni li l-prinċipji tan-Netwerk ta' l-Istati Gżejjer Żgħar li qed jiżviluppaw tan-NU għandhom jiġu kkunsidrati u li jiġi kkommissjonat studju biex jiġi stabbilit x'impatt il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u l-globalizzazzjoni għandhom fuq l-iżvilupp sostenibbli ta' dawn l-Istati.

**<u>Id-dimensjoni storika tas-Sħubija</u>**

Ir-Rapport tal-Kummissjoni jiddikjara b'dawn il-kliem:

'L-UE u l-Karibew għandhom relazzjoni fit-tul ibbażata fuq il-wirt ta' l-istorja, fuq il-valuri komuni, fuq il-koperażżjoni ekonomika u kummerċjali u fuq volum importanti ta' skambju tal-kummerċ. Il-Kolonjalizzazzjoni tal-Karibew b'mod prinċipali mill-Brittanja, minn Franza, minn Spanja u mill-Olanda tmur lura għas-Seklu 17.'

Fl-2006 mhux preferibbli li wieħed jaqra din id-deskrizzjoni ewfemistika ta' l-istorja tal-kolonjaliżmu f'dokument tal-Kommissjoni.

Kien ikun sewwa li wieħed isemmi li s'issa ma saret l-ebda tpattija għal storja ta' skjavitù, ħtif u qirda tal-popolazzjonijiet indiġeni u l-issakkeġġar tar-riżorsi tar-reġjun li għamlu faċli l-qawmien ta' l-Ewropa. Kien ikun ukoll sew u xieraq li kieku ngħad li, preċiżament matul il-fażi ta' dekolonizzazzjoni, miżuri li jiggarantixxu il-provvisti ta' zokkor, banana u rum għall-Ewropa sostenuti minn sistemi ta' tariffi preferenzjali ffinanzjati bit-taxxi, l-ewwel stabbilew dawk il-monokulturi u d-dipendenzi li llum qed jagħmluha tant importanti li jfittxu li jiddiversifikaw l-ekonomija tar-reġjun.

B'dan l-isfond, fuq kollox, l-Unjoni Ewropea għandha tħoss sens ta' obbligu li tipprovdi ħafna aktar għajnuna għall-konversjoni tal-biedja, b'mod partikulari b'riferenza għall-istrateġiji li jiżguraw is-sigurtà ta' l-ikel u jagħmlu użu akbar mill-għejun ta' enerġija li tiġġedded.

**CSME**

Id-deċiżjoni minn maġġoranza tal-pajjiżi tal-CARICOM infushom li jwaqqfu is-Suq Uniku u l-Ekonomija Unika tal-Karibew (CSME), bħala element fl-integrazzjoni reġjonali, tintlaqa' b'mod pożittiv, bħalma huwa l-pjan ta' l-Unjoni Ewropea li tappoġġja l-twaqqif u l-iżvilupp tiegħu Is-CSME issa jipprovdi għodda lir-reġjun tal-Karibew li jippromwovi l-kummerċ fir-reġjun.

B'dan l-isfond, b'mod partikulari, fin-negozjati dwar il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs) l-UE għandha toqgħod ħafna attenta li ma tipperikolax iz-zona ekonomika li għadha kemm inħolqot permezz ta' talbiet eċċessivi għal-liberalizzazzjoni esterna, aktar u aktar billi toħloq dubji dwar il-proprjetà ta' din l-entità l-ġdida billi timponi klawsoli li jmorru kontra il-poteri sovrani għat-teħid tad-deċiżjonijiet bl-iskop li tiżgura investimenti.

L-asserzjoni tal-Kummissjoni li l-proċess EPA se jipprovdi għall-ewwel darba qafas ibbażat fuq ir-regoli għall-integrazzjoni tal-Karibew jinjora r-regoli diġà adottati fis-CSME u jidher arroganti f'dan il-kuntest.

**Atturi oħra fir-reġjun**

L-evalwazzjoni qasira ħafna ta' l-attivitajiet u ta' l-interessi ta' atturi oħra fir-reġjun tal-Karibew ippreżentata fl-Anness II, b'mod ġenerali, tidher karatterizzata aktar b'nuqqas ta' fiduċja milli bit-tfittxija ta' sinerġiji possibbli u bil-kisba ta' koerenza. Madankollu, l-apprezzament ta' kemm dawn it-tnejn huma importanti għall-koordinazzjoni ta' l-għajnuna pprovduta mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha m'hijiex anqas valida b'riferenza għal atturi mhux Ewropej bħall-Brażil, iċ-Ċina, il-Kanada jew il-Venezwela. Għandu jiġi mwaqqaf forum, taħt il-qafas tal-CARICOM/CARIFORUM u bl-involviment tal-pajjiżi ta' l-ACP, biex jikkoordina l-impenji ta' dawn l-atturi differenti ma' dawk ta' l-UE u ta' l-Istati Membri tagħha.

**Kuba**

Is-sempliċi riferenza għall-pożizzjoni adottata mill-UE għaxar snin ilu dwar il-kwistjoni tar-relazzjonijiet tagħha ma' Kuba tirrappreżenta opportunità mitlufa minn-naħa tal-Kummissjoni u tal-Kunsill. L-esperjenzi ta' koperazzjoni bilaterali ta' qabel ta' l-Istati Membri Franza u Spanja mhumiex evalwati, u lanqas l-esperjenzi kurrenti tal-Gvern Belġjan, lanqas is-sinifikat tal-koperazzjoni Kubana għall-iżvilupp mal-pajjiżi l-oħra tar-reġjun u lilhinn minnu m'huma rikonoxxuti. Ix-xewqa ta' l-Istati sħab kollha tal-Karibew li jaraw it-tmiem ta' l-embargo ta' l-Istati Uniti għal Kuba, li jagħmel ħsara lill-iżvilupp tar-reġjun kollu, mhix imsemmija.

Il-Kummissjoni tonqos li tanalizza u titgħallem minn dawk l-istrateġiji Kubani ta' koperazzjoni għall-iżvilupp li, fil-qasam tal-kura medika pereżempju, ġiegħlu lil Kuba tkun dejjem aktar rispettata fost il-pajjiżi ġirien tagħha u wkoll tkun aktar 'l quddiem minnhom.

Hawnhekk l-UE, li għandha r-responsabbiltà tagħha għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet ma' Kuba, qed tirriskja li tonqos li tirrispondi għall-bidla fil-klima politika fir-reġjun u li titlef l-opportunità li tidħol f'djalogu li jista' jinkludi dibattitu kostruttiv dwar kwistjonijiet kontroversjali bħalma huma d-drittijiet politiċi individwali, il-libertà ta' l-informazzjoni u l-

piena tal-mewt.

Il-'bieb miftuħ' għal djalogu politiku li għalih tirreferi l-Kummissjoni ta' min jintlaqa', iżda dan mhux biżżejjed, għax jirreferi b'mod strett għall-Pożizzjoni Komuni ta' l-1996 u għalhekk jagħti skop biss għall-miżuri ta' għajnuna umanitarja. Alternattiva aħjar f'dan il-kuntest ikun ir-ritorn għall-koperazzjoni u għad-djalogu. Il-Kanada, li adottat minn żmien ilu politika ta' ħidma kostruttiva lejn Kuba, tista' tittieħed bħala eżempju.

**l-ambjent**

Il-bidu tal-proċess ta' koperazzjoni f'oqsma importanti tal-ħarsien ambjentali bħala parti mill-koperazzjoni għall-iżvilupp għandha tintlaqa' b'mod l-aktar miftuħ. Madankollu, wieħed irid iżid li llum nafu li, minħabba l-bidla dinjija fil-klima wieħed jista' jistenna wkoll aggravament tal-frekwenza u tas-severità tad-diżastri metereoloġiċi fir-reġjun. L-UE għandha għalhekk tirrispondi għall-isfida mhux biss billi tgħin ripetutament reġjun biex jerġa' jibni fejn diżastru ikun laqat iżda biex inaqqas aktar l-emissjonijiet tiegħu. Barra minn dan, jenħtieġ trasferiment ta' teknoloġija, biex jiġi żgurat li żvilupp reġjonali b'suċċess fil-Karibew ma jwassalx fl-istess ħin għal żieda relatata ta' emissjonijiet, bi ħsara għall-klima dinjija.

Id-dokument tal-Kummissjoni jonqos ukoll li jsemmi l-aspett tal-perikli speċjali - li huma wkoll ta' tip speċjali - li jiffaċċjaw l-Istati gżejjer fir-reġjun ta' l-imsieħba tal-Karibew minħabba li jogħla l-livell tal-baħar.

**Iż-żgħażagħ**

Il-pjan mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha, bħala segwitu għas-Sammit ta' l-EU-LAC, li 'tagħti prijorità għall-ħolqien ta' Zona ta' Edukazzjoni Għolja Komuni bejn l-Ewropa, l-Amerika Latina u l-Karibew' hija inizjattiva importanti u promettenti.

Madankollu, se tilħaq biss parti limitata taż-żgħażagħ tal-Karibew. Peress li 60% tal-popolazzjoni tar-reġjun għandha taħt it-30 sena, il-koperazzjoni kollha għall-iżvilupp għandha tkun immirata ħafna aktar lejn din il-ġenerazzjoni u għandha tipprovdi opportunitajiet għal ħafna żgħażagħ fir-reġjun. Inkella, il-frustrazzjoni kawżata mill-faqar persistenti u mill-prospetti li ma jeżistux tista' tipperikola l-koeżjoni soċjali. Ma jkunx possibbli li wieħed ibiddel il-massa l-kbira ta' dawn iż-żgħażagħ fi gradwati universitarji fil-futur previdibbli, u għalhekk huwa neċessarju b'urġenza, bħala parti mill-istrateġiji ekonomiċi għall-iżvilupp, li jinħolqu opportunitajiet ta' impjiegi għall-ħaddiema bi kwalifiki baxxi, inklużi dawk li qabel ma kellhomx impjieg.

Huwa deplorevoli, iżda, li l-istrateġija tal-Kummissjoni ma ssemmix il-qgħad taż-żgħażagħ.

**Turiżmu sostenibbli**

Il-Kummissjoni tosserva tajjeb li s-sbuħija tal-pajsaġġi tar-reġjun hija fost l-akbar rikkezzi tiegħu u li t-tkabbir tat-turiżmu sostenibbli huwa alternattiva ġenwina. Iżda, is-sostenibilità tiegħu m'għandiex tieqaf fl-ambjent. Industrija tat-turiżmu fejn jibnu u joperaw biss investituri kbar minn barra u ktajjen ta' lukandi u fejn il-profitti relatati jiġu esportati ma tistax titqies bħala sostenibbli. Tbaxxi lill-popolazzjoni indiġena għall-livell ta' soċjetà ta' sefturi.

Sussidji mill-Bank Ewropew għall-Investiment u minn organizzazzjonijiet oħra għandhom għalhekk ikunu mmirati aktar biċ-ċar lejn l-iżvilupp ta' l-industrija domestika għar-ristoranti u t-turiżmu.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Is-sħubija EU-Karibew għat-tkabbir, l-istabilità u l-iżvilupp |
| **Proċedura numru** | 2006/2123(INI) |
| **Kumitat risponsabbli**<br>Data ta' l-awtorizzazzjoni mħabbra fis-seduta plenarja | DEVE 15.6.2006 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | INTA<br>15.6.2006 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | INTA<br>18.4.2006 |
| **Koperazzjoni aktar mill-qrib**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Gabriele Zimmer<br>21.3.2006 |
| **Rapporteur(s) preċedenti** | |
| **Eżami fil-kumitat** | 29.5.2006 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 30.5.2006 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | + 25<br>- 1<br>0 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Margrete Auken, Margrietus van den Berg, Danutė Budreikaitė, Marie-Arlette Carlotti, Thierry Cornillet, Michael Gahler, Hélène Goudin, Glenys Kinnock, Gay Mitchell, Luisa Morgantini, José Javier Pomés Ruiz, Horst Posdorf, Pierre Schapira, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Feleknas Uca, Mauro Zani. |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Milan Gaľa, Ana Maria Gomes, Alain Hutchinson, Linda McAvan, Manolis Mavrommatis, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Zbigniew Zaleski, Gabriele Zimmer |
| **Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | María Isabel Salinas García |
| **Data tat-tressiq** | 15.6.2006 |
| **Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)** | |